MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 624/1998/1

**Maltacom plc**

**Vs**

**Fenech Oil and Petroleum Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu s-socjetà attrici, wara illi ppremettiet illi fuq talba tas-socjetà konvenuta hija kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 820396

rispettivament fil-fond Fopcol House, Archbishop Gonzi Square, Kalkara, u dana skond ma jirrizulta mill-anness Dokument A; illi s-socjetà konvenuta kienet obbligat ruhha li thallas dawk it-tariffi li minn zmien ghal zmien jigu stabbiliti mill-korporazzjoni attrici; illi s-socjetà konvenuta hija debitrici tal-korporazzjoni attrici fl-ammont kumplessiv ta' Lm1300.47 (elf u tlett mitt lira maltin u sebgha u erbghin centezmu) ghall-kera/pulses, kera tal-linja telefonika u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku; u illi l-istess socjetà konvenuta giet interpellata thallas is-somma imsemmija izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza; talbet illi s-socjetà konvenuta tigi kundannata thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm1300.47 (elf u tlett mitt lira maltin u sebgha u sebghin centezmu) ghall-kera/pulses, kera tal-linja telefonika u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera, dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 820396 hawn fuq imsemmi liema servizz kien gie nstallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tas-socjetà konvenuta, bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali ta' 9 ta' Settembru, 1997 u l-imghax legali kontra s-socjetà konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-korporazzjoni attrici, guramentat minn Saviour Farrugia, u l-lista tax-xhieda u d-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta illi permezz taghha eccepiet:

1. Illi preliminarjament, is-socjetà konvenuta m'ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici qua subsciber tan-numru tat-telephone imsemmi jew xort' ohra riferibbilment ghal dan in-numru u ghalhekk m'hijiex illegittima (*sic*) kontradittrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi ulterjorment ukoll in linea preliminari l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikoli 2148(f) u 2156(f) tal-Kodici Civili;

3. Illi s-socjetà konvenuta m'ghandha tati xejn mill-ammont hekk pretiz u dan taht ebda titolu;

4. Illi ulterjorment u ghal kull buon fini is-socjetà konvenuta qatt ma rceviet ebda ittri ufficjali kif imsemmi fic-citazzjoni;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta, konfermata bil-gurament minn Kevin James Fenech, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-tlieta (3) ta' Ottubru, 2000 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:
"… filwaqt li tichad l-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta **tilqa' in parte it-tieni eccezzjoni**, u **tilqa' t-talba attrici** kif spjegat, b'dan illi:

1. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' disa' mija u disgha u hamsin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm959.47) ghall-kera/pulses, kera tal-linja telefonika u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 820396, liema servizz kien gie nstallat fil-fond Fopcol House, Archbishop Gonzi Square, Kalkara mill-korporazzjoni attrici fuq talba tal-istess socjetà konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Settembru 1997 u bl-imghax legali mid-data tad-9 ta' Settembru 1997 sal-effettiv pagament kontra l-istess socjetà konvenuta."

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi l-kawza odjerna titratta dwar talba tal-korporazzjoni attrici sabiex is-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha l-ammont ta' Lm1300.47 dovuta ghall-kera/pulses, kera tal-linja telefonika u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera, in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numri 820396 stallat fil-fond Fopcol House,

Archbishop Gonzi Square, Kalkara fuq talba tal-istess socjetà konvenuta.

"L-EWWEL ECCEZZJONI

"Illi s-scjetà konvenuta eccepiet li m'ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici qua subscriber tan-numru tat-telephone imsemmi jew xort'ohra riferibbilment ghal dan in-numru u ghalhekk m'hijiex il-legittima kontradittrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

"Illi mix-xhieda tal-**PL Noel Scerri**, ghas-socjetà attrici rrizulta minn Dok NS1 a fol 36 tal-process, illi dan is-servizz gie nstallat fil-fond imsemmi fic-citazzjoni fuq applikazzjoni ta' Eugenio Farrugia ghan-nom tas-socjetà konvenuta. Illi inoltre hu xehed li f'diversi ittri s-socjetà konvenuta semmiet dan is-servizz u xi drabi ntalab li jsir xi xoghol fuqu, bhal per ezempju transfer ta' l-istess servizz (Dok NX1 sa NX4 minn fol 47 sa fol 50).

"Illi fl-affidavit tieghu **Michaelangelo Fenech**, wiehed mid-diretturi tas-socjetà konvenuta xehed li din il-kumpanija ilha ma topera mill-1988 meta l-licenzja taghha giet sospiza. Illi hu xehed li ghalkemm hu minnu li qabel l-1988, il-kontijiet tal-linja relattiva kien jinhargu f'isem is-socjetà konvenuta, [Li] però fl-1988 il-proprjetà fejn is-socjetà konvenuta kellha l-ufficcju registrat taghha kienet giet trasferita li Luboil Manufacturing Company Limited. Infatti, wara din id-data il-kontijiet mahruga mill-korporazzjoni attrici gew intestati lil Alfred Fenech personalment u mhux lil Fenech Oil and Petroleum Company Limited.

"Illi a rigward ta' Dok NX5 a fol 56 tal-process, cioè l-ittra datata 30 ta' Lulju 1997 ipprezentata mil-korporazzjoni attrici mibghuta minn Michael Fenech bin l-imsemmi Alfred Fenech hu spjega li l-istess Michael Fenech qatt ma kien f'posizzjoni li jaghti direttivi lil Maltacom dwar il-kont in kwistjoni.

"Illi di più qed isostni illi s-servizz telefoniku in kwistjoni kien installat gewwa x-Xewkija, Kalkara. Illi minn dan l-

indirizz kienu joperaw xi tmien kumpaniji diversi u Alfred Fenech ghandu konnessjonijiet ma whud minnhom. Inoltre s-socjetà konvenuta kienet topera minn gewwa Fopcol House, Archbishop Gonzi Square, Kalkara, u mhux mix-Xewkija.

“Illi hu spjega wkoll li wara l-1988 hu kien ighaddi direttament kull kont tat-telfon li kien indirizzat lil Alfred Fenech personalment.

“Illi mill-provi kollha prodotti s-socjetà konvenuta ma rnexxilhiex tipprova l-eccezzjoni taghha. Illi s-socjetà atrici ghandha relazzjoni guridika mas-socjetà konvenuta Fenech Oil and Petroleum Company Limited. Dan irrizulta mill-apllikazzzjoni ta' l-istess socjetà ghall-installazzjoni tas-servizz kif ukoll minn korrispondenza li giet ezebita fil-process. Illi anke jekk il-kontijiet li nhargu sussegwenti l-1988 però f'kull kont mahrug u li gew ezebiti (Dok MAF2 sa Dok MAF 12) hemm imnizzel illi s-servizz telefoniku jinsab ghand l-istess socjetà konvenuta. Illi inoltre intqal - ghalkemm ma gewx prodotti soddisfacentement il-provi - li l-proprjetà fejn is-socjetà konvenuta kellha l-ufficcju registrat taghha giet trasferita lil socjetà ohra però ma rrizultax li r-relazzjoni guridika bejn is-socjetà konvenuta u dik attrici nbidlet. Kwindi din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

“<u>IT-TIENI ECCEZZJONI</u>
“Illi s-socjetà konvenuta eccepiet ukoll il-preskrizzjoni *ai termini* ta' l-artikoli 2148(f) u 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

“Illi fis-sentenza '**Maltacom p.l.c. vs Anne Micallef**' (Cit Nru 2927/97/RCP - deciza fit-13 ta' Jannar 2000) fuq dan ir-rigward il-Qorti sostniet hekk:

*Illi dwar il-preskrizzjoni eccepita a bazi tal-Artikolu 2148(f) din hija ghall-perjodu ta' tmintax (18) il-xahar u tirreferi ghall-'azzjonijiet ta' kull persuna ghall-hlas ta' kera ta' hwejjeg mobbli'. Illi però jinghad illi ghalkemm parti zghir[a] mill-istess ammont rikjamat veru hija ghall-'kera'*

*tal-apparat, huwa ovvju li l-ftehim bejn is-socjetà attrici u l-konvenuta huwa wiehed li jimporta l-ghoti tas-servizz kontra pagament, anke jekk il-pagament huwa kalkolat b'rati determinati skond kemm jintuza mill-utenti. Anke dak li jissejjah kera tal-apparat, ma huwiex pagament ghall-apparat fih innifsu, imma biss in kwantu tali apparat huwa mehtieg ghall-ghoti tas-servizz in kwistjoni mis-socjetà attrici, liema sevizz li l-kontraenti ikkontrattaw dwarhu, jista' u seta' biss jinghata tramite l-uzu ta' dan l-apparat. Illi a bazi tal-premess is-sentenza fl-ismijiet* '**John Scicluna nomine vs Robert Spiteri**' **(JSP. 5 ta' Novembru 1992**) *ikkonkludiet illi 'l-kuntratt bejn il-kontendenti li kkreja ir-relazzjoni guridika bejniethom u li t-thaddim tieghu pprovoka din il-kawza, huwa wiehed ta' 'ghoti ta' servizz' u mhux wiehed ta' 'kiri ta' oggett mobbli'. Ta' l-istess portata hija d-decizjoni* '**Post Master General et vs Michael James Falla**' **(P.A. 13 ta' Mejju 1980)**.

*Illi ghalhekk isegwi li l-preskrizzjoni applikabbli ma hijiex dik ai temini tal-***Artikolu 2148(f) tal-Kap 16**, *izda dik ta' hames snin ai termini tal-***Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, *kif jinstab stabbilit fl-istess sentenzi u dawk fl-ismijiet* **"Maltacom p.l.c. vs Charles Pool' (FGC. 5 ta' Novembru 1999);**

**"Korporazzjoni Telemalta vs Carmel Dingli" (GV. 28 ta' April 1997); "Saviour Farrugia nomine vs Albert Pearson" (2 ta' Mejju 1997)."**

"Illi tali servizz baqa' provdut interrottament sa Gunju 1997. Illi kif xehed ukoll il-PL Noel Scerri minhabba li ntbaghtet l-ittra ufficjali fid-9 ta' Settembru 1997 l-aktar kont antik tan-1992, kif ukoll l-arretrati huma preskritti peress li l-hames snin iddekorrew. Illi ghalhekk fir-rigward ta' l-ammonti ta' Lm248.20 u ta' Lm92.80 (Dok NS a fol 35) din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha. Illi però bin-notifika ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Settembru 1997 u mal-presentata tac-citazzjoni fil-25 ta' Marzu 1998 il-kontijiet l-ohra msemmija f'Dok NS huma kollha dovuti.

"<u>IT-TIELET U R-RABA' ECCEZZJONI</u>

"Illi dawn l-eccezzjonijiet ghandhom ukoll jigu michuda peress li rrizulta mill-provi li s-socjetà konvenuta ghandha taghti lill-korporazzjoni attrici;  u, inoltre illi l-ittra ufficjali datata 9 ta' Settembru 1997 giet debitament notifikata lilhom..
"Illi ghalhekk it-talbiet attrici, a bazi tal-premess u salv l-ammont ta' Lm341.00 li hu preskritt kif spjegat, ghandhom jigu milqugha."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjetà konvenuta illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet hekk:
"… li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Cvili fit-3 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet fuq premessi billi tilqa' l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjetà appellanti filwaqt illi tichad u tirrespingi t-talbiet kollha attrici kif dedotti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà appellata";

Rat ir-risposta tas-socjetà attrici appellata illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet illi s-sentenza appellata timmerita illi tigi konfermata u illi mhux il-kaz illi l-istess sentenza tigi varjata;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad, qabel xejn, illi ghalkemm f'dik il-parti tar-rikors ta' appell intitolata "**Id-digriet Moghti fit-2 ta' Ottubru 2000**" is-socjetà konvenuta taghmel diversi lmenti kontra dan id-digriet, fl-istess rikors ta' appell is-socjetà konvenuta ma talbitx illi d-digriet jigi varjat. Ghalhekk, huwa ovvju illi ma hemm lok ghal ebda provvediment minn dina l-Qorti dwar l-ilmenti illi ghadha kemm saret riferenza ghalihom;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tas-socjetà konvenuta kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

(1) illi l-att ta’ citazzjoni huwa null;

(2) illi t-talba attrici ma tirrizultax mill-provi prodotti;

(3) illi ma hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjetà appellanti u l-korporazzjoni appellata;

(4) illi l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni *ai termini* ta’ l-artikolu 2148(f) tal-Kodici ma kellhiex tigi michuda izda kellha tintlaqa’, fi kliem ir-rikors ta’ appell, “… in kwantu tirreferi talanqas ghal kontijiet relattivi ghal servizz provdut aktar minn sentejn qabel il-prezentata tac-Citazzjoni odjerna …”;

(5) illi, anke jekk ghall-kaz in ezami hija applikabbli l-preskrizzjoni kontemplata mill-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, l-ewwel Qorti kkonkludiet hazin illi dan il-perijodu preskrittiv gie interrott bin-notifika ta’ l-ittra ufficjali tad-9 ta’ Settembru, 1997, u dana peress illi s-socjetà konvenuta qatt ma giet notifikata bl-istess ittra ufficjali;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjetà appellanti tikkontendi illi l-att ta’ citazzjoni huwa null ghaliex, filwaqt illi l-att ta’ citazzjoni gie intavolat minn Maltacom p.l.c. id-dikjarazzjoni relativa mehtiega skond l-artikolu 156 tal-Kap 12 hija tal-Korporazzjoni Telemalta. Ghalkemm, bhala fatt, dan huwa minnu, huwa evidenti illi dan huwa dovut ghall-fatt illi originarjament l-att ta’ citazzjoni kien ser jigi intavolat minn Telemalta Corporation izda meta saret il-prezentata tieghu il-kliem “Telemalta Corporation” gew sostitwiti b’ “Maltacom p.l.c.” kull fejn kienu jirrikorru hlief, b’*lapsus* evidenti, a fol. 2 tal-process, fejn jinghad “Dikjarazzjoni tal-korporazzjoni Telemalta”;

Dan l-izball seta’ jati lok ghal eccezzjoni ta’ nullità ta’ l-att relativ *ai termini* ta’ l-artikolu 789(1)(d) tal-Kap 12. Dik il-parti ta’ l-artikolu 789(1) illi hija rilevanti ghall-kwistjoni in ezami tiddisponi hekk:
“**789.** (1) L-eccezzjoni ta’ nullità ta’ l-atti gudizzjarji tista’ tinghata -

(a) …;
(b) …;
(c) …;
(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mill-ligi;
Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi." (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ma hemm ebda dubbju illi n-nuqqas in kwistjoni lamentat mis-socjetà konvenuta jista' jissewwa *ai termini* ta' l-artikolu 175(1) tal-Kap 12. Konsegwentement, l-ewwel aggravju tas-socjetà konvenuta mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjetà appellanti ssostni illi t-talba attrici ma tirrizultax mill-provi prodotti ghaliex, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… t-talba attrici tistrieh unikament fuq il-premessa illi s-servizz de quo kien gie installat fl-imsemmi indirizz [*i.e.* Fopcol House, Archbishop Gonzi Square, Kalkara], b'mod illi f'kaz li l-istess premessa ma tirrizultax mill-provi prodotti, it-talba attrici ghandha tigi michuda", u fil-fatt jirrizulta illi dan is-servizz ma kienx stallat f'dan il-fond izda "… fil-fond maghruf bhala 'Ix-Xewkija', Kalkara";

Illi dan l-aggravju ma jistax jigi milqugh ghaliex, anke kieku dak illi qed issostni s-socjetà appellanti huwa minnu, l-ilment relativ kellu jigi avanzat mis-socjetà konvenuta permezz ta' eccezzjoni formali quddiem l-ewwel Qorti. A skans ta' ekwivoci, huwa mehtieg illi jinghad illi dina l-Qorti hija konvinta illi dawk il-fatti hawn fuq imsemmija, illi fuqhom is-socjetà appellanti qed tibbaza l-aggravju taghha in ezami, kienu a konoxxenza taghha meta intavolat in-nota ta' eccezzjonijiet quddiem l-ewwel Qorti;

Tajjeb illi jinghad ukoll, però, illi mill-provi prodotti jirrizulta bl-aktar mod car illi s-servizz telefoniku in kwistjoni gie nstallat f'fond - hu liema hu - fuq talba tas-socjetà konvenuta appellanti;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghat-tielet (3) aggravju, is-socjetà konvenuta ma tikkontestax il-fatt illi kien fuq talba taghha lis-socjetà attrici - jew, ahjar, lill-awtrici taghha - illi din ta' l-ahhar installat is-servizz telefoniku in kwistjoni. M'hemmx dubju, ghalhekk, illi b'hekk inholqot relazzjoni guridika bejn il-kontendenti ghar-rigward ta' dan is-servizz telefoniku. Lil dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, ma rrizultalix illi, almenu sa meta giet intavolata il-kawza odjerna, kien hemm xi ksur jew tibdil f'din ir-relazzjoni guridika. Dak kollu illi jinghad f'dik il-parti tar-rikors ta' l-appell illi tittratta l-aggravju in ezami, anke jekk huwa minnu, ma jwasslux sabiex dina l-Qorti tvarja l-fehma taghha kif espressa fis-sentenza ta' qabel din;

Ghaldaqstant, anqas it-tielet aggravju tas-socjetà konvenuta ma huwa fondat;

Ikkunsidrat:

Illi anqas ir-raba' (4) aggravju tas-socjetà konvenuta ma huwa fondat. Ma hemm xejn f'dik il-parti tar-rikors ta' appell illi tittratta dan l-aggravju (taht l-intestatura "C. L-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni") illi jikkonvinci lil dina l-Qorti illi d-decizjoni in materja ta' l-ewwel Qorti, bazata fuq gurisprudenza illi maghha dina l-Qorti taqbel, hija zbaljata. F'dan ir-rigward, huwa tajjeb illi jigi rilevat illi dak illi tghid is-socjetà appellanti fil-paragrafi enumerati "3", "4" u "5" ta' dik il-parti tar-rikors ta' appell illi ghadha kemm saret riferenza ghaliha, jammonta ghal dak illi jissejjah *begging the question*. Infatti, dak illi qed issostni s-socjetà appellanti huwa illi, ghall-kaz in ezami, hija applikabbli l-preskrizzjoni kontemplata mill-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili u mhux dik kontemplata mill-artikolu 2156(f) ta' l-istess kodici, u dana peress illi l-ahhar parti ta' l-ahhar imsemmi artikolu tal-ligi tiddisponi illi l-preskrizzjoni kontemplata mill-istess artikolu hija applikabbli biss "… meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar …". Skond is-socjetà

appellanti tezisti "preskrizzjoni aqsar" applikabbli ghall-kreditu in kwistjoni: dik kontemplata mill-artikolu 2148(f) hawn fuq imsemmi. Dina l-Qorti taqbel illi l-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili jikkontempla preskrizzjoni aqsar minn dik kontemplata mill-artikolu 2156(f) ta' l-istess kodici. Però, dina l-Qorti ma taqbilx illi l-kreditu in kwistjoni huwa kolpit bil-preskrizzjoni kontemplata mill-imsemmi artikolu 2148(f);

Ikkunsidrat:

Illi l-ahhar aggravju tas-socjetà appellanti huwa fondat. Infatti, ghalkemm fis-sentenza appellata jinghad illi l-perijodu preskrittiv ta' hames (5) snin kontemplat mill-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili gie nterrott bin-notifika ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Settembru, 1997 imsemmija fl-att ta' citazzjoni, mill-atti processwali ma jirrizultax illi qatt saret tali notifika. Jekk xejn, jirrizulta illi tali notifika ma saritx. Dan il-perijodu preskrittiv jirrizulta illi, *ai termini* ta' l-artikolu 2128 tal-Kodici Civili - u mhux tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kif jinghad fir-rikors ta' appell - gie interrott meta s-socjetà konvenuta giet notifikata bl-att ta' citazzjoni odjern, jigifieri fl-erbatax (14) ta' Jannar, 1999 (fol. 25 *tergo*). Minn dan isegwi illi s-socjetà konvenuta hija tenuta thallas biss lis-socjetà attrici dawk il-partiti tal-kont esibit a fol. 35 tal-process illi jirreferu ghad-dati ta' bejn l-ewwel (1) ta' April, 1994 u l-ghaxra (10) ta' Gunju, 1997 (iz-zewg dati inkluzi), ammontanti ghal hames mija u wiehed u hamsin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm551.12);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens biss illi tikkundanna lis-socjetà konvenuta sabiex thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u hamsin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm551.12) (u ghalhekk qed taghmel l-infraskritta varjazzjoni fil-kap ta' l-ispejjez) u, konsegwentement, tikkonferma l-istess sentenza ghall-kumplament taghha;

Tordna illi l-ispejjes tal-kawza, kemm ta’ l-ewwel (1) istanza u kemm ta’ dan l-appell, jigu sopportati bin-nofs (1/2) bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------